MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 875/2008

**George Azzopardi**

**Vs**

**Alexander Boiciuc**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma li baqghalu jaghti fl-ammont ta' erba' mija u hamsin Euro (€450), bilanc minn somma akbar ta' xogholijiet li ghamel l-attur fil-fond tal-konvenut li naqas li jhallas ghalkemm interpellat biex jaghmel dan skond ittra legali tat-8 ta' Ottubru, 2008.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-Avviz, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Ottubru, 2008.

Il-konvenut, li huwa barrani pprezenta r-risposta tieghu bl-Ingliz u eccepixxa illi:-
***“the plaintiff’s request is unfounded in fact and at law for the following reasons:-***

***(i) plaintiff did not honour the terms of the agreement and therefore he has no right to request the enforcement of such agreement;***
***(ii) that plaintiff was in effect paid for the little work that he carried out two hundred Euro (€200) before he unilaterally abandoned the works;***
***(iii) that the majority remaining work was never started and the little work done was not in conformity to the established standards and practice, to the extent that all the work carried out in the kitchen had to be done a new.”***

Ra x-xhieda tal-attur, li kien jaghmel xoghol ta’ *plumber* u *electrician* mal-“*employer*” tal-konvenut u kien hawn li kien sar jaf li Boiciuc.

Ighid li kien fil-25 ta’ Mejju, 2008, meta l-konvenut kien qieghed jahdem u jwaqqa’ xi hajt, li sab xi wires ta’ l-elettriku u kien cempillu sabiex jinzel fuq il-post. F’dak iz-zmien sid il-post, li kien il-konvenut, kien qieghed ighix hemmhekk u allura x-xoghol kellu jsir bla dewmien.

Il-konvenut kien talbu sabiex jaqla’ xi *wires* ta’ l-elettriku u hekk kien ghamel. Kien qallu ukoll li kien hemm bzonn ta’ xi xogholijiet ohra, bhal li jzid is-*sockets* u l-*points*.

Il-konvenut talbu jinstalla fan u kien talbu ukoll biex jaghmel xi xogholijiet ta’ *plumbing*. L-attur kien ftiehem mal-konvenut li kien ser imur jahdimlu filghaxijiet u kienu ftehmu fuq il-prezz ta’ seba’ mija u hamsin Ewro (€750). Kien talab lill-konvenut sabiex ihallsu mitejn Ewro (€200) depositu, u dawn hallashom.

L-attur jikkonferma li kien jahdem sat-tard ghand il-konvenut, anke gieli sat-8.30p.m. Kien hemm Hadd fejn kien hadem gurnata shiha u l-konvenut ried imur ighum u

kien talbu biex ikompli l-ghada u fil-fatt mar it-Tnejn u kull ma kien fadallu kien biss li iwahhal l-i*switches* u l-*plugs*.

Dan ix-xoghol kellu jsir qabel ma' kien ser isir it-tikhil, u l-konvenut kien talbu biex ma jmurx ghal xi zmien, peress li kellu xi problema b'dan il-kahhal. Kienu ghaddew xi sitt xhur meta kien rega' ikkomunika mieghu l-konveut, li kien qallu li kien imsiefer.

Kien talbu jzid xi *plugs* u ma sabx problema b'dan. Rega' talbu sabiex jaghmel xi xoghol ta' *plumbing* ghaliex ried jinstalla *washing machine* fil-*bathroom*. L-attur jistqarr li kien dispost li jzomm l-istess ammont li kienu ftehmu fuqu sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet, izda l-problema nqalghet ghaliex kien talbu jinstalla *switches* u *plugs* tal-*stainless steel* u m'accettatx ghaliex il-prezz li ftehmu fuqu ma kienx jinkludihom.

Aktar tard, il-konvenut kien iddecieda li jaghmel *is-sockets u l-plugs* bil-hgieg u kien rega' talbu jaghtih stima gdida. L-attur insista mieghu li l-ewwel ghandu jmur jara u jiddeciedi liema tip ried u mbaghad kien jahdimlu stima gdida.

Kien ghazilhom u kienu ftehmu gurnata, izda dak in-nhar kien ma jiflahx l-attur u ftehmu gurnata ohra u meta mar, il-konvenut kien talbu biex jitlaq ghaliex kien ser jinkariga lil haddiehor sabiex ilestilu x-xoghol.

L-attur qed jinsisti li suppost kellu jithallas hames mija u hamsin Ewro (€550) , izda kien naqqas mitt Ewro (€100) ghaliex kien hemm xi materjal li ma giex uzat.

In kontro-ezami, l-attur jispejga li r-rati tax-xoghol tieghu jiddependu jekk hux ser jahdem l-elettriku mill-gdid jew ser jahdem fuq dak li jkun hemm diga'. Ghal materjal ikkalkula li kien hemm xi tlett mitt Ewro (€300).

I ghid bhala xoghol kien jikkonsisti li jinstalla 10(ghaxar) *double sockets*, *point* ghal-*air conditioner*, u tlett *points* ghad-dawl. Dan ghamlu, u sahansitra ghadda

l-*wires*. Kulma kien fadal kien li jinstalla l-*iswitches* u l-*plugs*.

Generalment, l-attur ighid li jixtri l-materjal f'*bulk*.

Ra x-xhieda ta' Umberto Bruno, li kien jahdem mal-attur. Jikkonferma li kienu hadmu fl-appartament tal-konvenut u u dawn kienu xogholijiet relatati mal-elettriku. Kienu haffru t-trinek, installaw l-pipijiet u l-*wires* li kien jehtieg ghas-sistema ta' l-elettriku.

Ighid li l-konvenut kien insista li ried l-*plugs* u l-accessorji tal-hajt bli-*stainless steel*. Kienu ftehmu fuq stima ta' seba' mija u hamsin Ewro (€750) u ma setax jahdem ix-xoghol bl-istess stima, ghaliex ma kienx jinkludi *sockets u plugs* ta'l-*istainless steel*.
Il-bqija jghid li ftehim kien bejn l-attur u l-konvenut. Jikkonferma li kien hemm okkazjoni meta kienu marru u l-konvenut ma kienx fethilhom. Kien hadem mal-attur fi tlett okkazzjonijiet u kienu ghamlu sieghat twal jahdmu, tant hu hekk li l-attur kien ihallsu hmistax-il Lira Maltin (Lm15) u cioe' ekwivalenti ghal erbgha u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) u cioe' ekwivalenti ghal gurnata xoghol.

Ra x-xhieda tal-konvenut, li jispjega kif kien xtara appartament il-Qawra u kellu bzonn jaghmel xi arrangjamenti strutturali. Ighid li waqt li kien hemm il-haddiema, kienu sabu xi *wires* tad-dawl, li kienu qed jimpeduhom milli jkomplu bix-xoghol.

Kien jaf lill-attur mill-*employer* tieghu Joe Cardona, u kien cempel lill-attur personalment u kien talbu sabiex jibda x-xogholijiet f'qasir zmien ghaliex kienet kwistjoni urgenti.

Ighid li l-attur kien gie wara siegha u kien skonnetja l-elettriku u kien skonnetja ukoll xi pipijiet ta' l-ilma u dan minhabba li kienu qed jikkrejaw problema.

Il-konvenut kien ried jinstalla xi *sockets* godda u kien talab lill-attur sabiex jaghmillu dawn ix-xogholijiet. Jispjega li kienu qablu fuq l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800), izda

mbaghad ftehmu fuq seba' mitt Ewro (€700), li kienu jirrapprezentaw xogholijiet ta' tibdil strutturali fil-kcina, fl-installazzjoni ta' *points* godda, installazzjoni tas-sistema tad-drenagg, kif ukoll xogholijiet biex tinbidel is-sistema taal-ilma shun.

Kellu bzonn ukoll jaghmel installazzjoni gdida ghall-magna tal-hasil u dan minhabba li kien ser inehhiha mill-kcina.

Ma kienux ftehmu bil-miktub, izda ftit granet wara li hallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) u sa' dan iz-zmien, l-attur kien haffer it-trinek, ghadda l-*conduit* u l-pipijiet. L-attur dam xi gimghatejn sabiex ilesti x-xoghol.

Peress li kellu bzonn jaghmel it-tikhil fid-dar , il-konvenut kien talab lil-attur biex jieqaf milli jaghmel ix-xogholijiet temporanjament u mbaghad kien ikompli wara li jitlesta t-tikhil.

Kien hemm xi zmien, li minhabba xi problemi temporanji tieghu, ma setax jikkomunika mal-attur. Kienu ftehmu li l-attur kellu jerga' jmur sabiex jibda x-xogholijiet, izda ma tfaccax fil-gurnata u hin li kienu ftehmu.

F'okkazzjoni ohra, qal li kien jinsab indispost.

Darb'ohra l-attur ma kienx qam u ma marx jiltaqa' mal-konvenut.

Fl-ahhar kien hemm ftehim sabiex jiltaqghu u l-attur kien rega' ma marx..

Il-konvenut jispjega kif kien ircieva telefonata minghand l-attur sabiex jiltaqghu, izda ma riedx u l-attur kien beda jinsulentah.

L-ghada kien ikkomunika mieghu sabiex ikompli bix-xogholijiet, izda l-konvenut jispjega kif kien qallu li ma kienx ried aktar is-servizzi tieghu u li kien ser jinkariga lil haddiehor sabiex jitlestew ix-xogholjiet li kien hemm bzonn.

Kien wieghdu li jekk kemm-il darba kien hemm xi differenzi bejn dak li zamm hu u dak li kien ser izomm l-haddiem l-iehor. Kien ihallsu taghhom.

Il-haddiem il-gdid gharaf  li kien hemm xi zbalji fix-xogholijiet tal-konvenut u dan minhabba li l-attur ma kienx ghadda l-pipijiet minn *gol wires* u li kien ikkomunika l-*wires* tal-forn elettriku u dan ghaliex kellu bzonn *supply* ghalih.

Ghalhekk, l-haddiem il-gdid kien wettaq ix-xogholijiet kollha, li kien jikkonsisti fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350)

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra;

1. L-attur kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xi xogholijiet fl-appartament tieghu. Dawn maggorment, kienu jikkonsistu f'xogholijiet ta' tibdil strutturali fil-kcina, fl-installazzjoni ta' *points*  godda, installazzjoni ta' sistema tad-drenagg, kif ukoll xogholijiet biex tinbidel is-sistema ta' l-ilma shun.

2. Jidher li kien hemm ftehim li l-attur kellu jaghmel ix-xogholijiet ghall-ammont ta' seba' mija u hamsin Ewro (€750).

3. Id-dizgwid beda meta l-konvenut talab lill-attur sabiex ibiddel l-*iswitches* u l-*plugs* ghaliex riedhom ta' l-*istainless steel*, izda l-attur m'accetatx li jaghmel dan  ghaliex il-prezz mifiehem ma kienx jinkludi dan it-tip ta' *switches* u *plugs*.

4. L-attur xehed li kulma kien fadallu jaghmel kien li jwahhal dawn l-iswitches u plugs, li mbaghad il-konvenut kien iddecieda li riedhom tal-hgieg.

5. Il-konvenut da parti tieghu eccepixxa illi x-xoghol li ghamel l-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti. Ighid

ukoll li l-attur unilateralment ma onorax il-ftehim li kien hemm bejniethom.

6. Dwar dawn l-eccezzjonijiet it-Tribunal jissottolinea illi l-konvenut ma gabx prova ta’ x’ftehim kien hemm ezatt u fejn l-attur ma ottemperax ruhu mal-ftehim, hlief li semma’ li l-attur kien baqa’ ma jmurx biex jikkonkludi x-xogholijiet u kellu jinkariga lil haddiehor.

Pero’, l-konvenut qatt ma ressaq dina l-persuna li kompliet u spiccat ix-xogholijiet, li allegatament ma kienx ikkonkluda l-attur. Mill-provi migbura jsemmi ukoll li dan l-*electrician* li kien inkariga, kien gharrfu li kien hemm xi xogholijiet li kienu saru hazin pero’ naqas milli jgib provi ta’ dawn l-allegati nuqqasijiet.

Jekk il-konvenut eccepixxa li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, l-oneru tal-prova kienet fuqu biex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, li kien hemm xoghol hazin, izda ma ngabux provi fuq dawn ix-xogholijiet u lanqas ressaq lill-*electrician*, bhala xhud u dan jekk suppost kien ghamel it-tiswijiet u kkompleta x-xogholijiet minflok l-attur seta’ jikkonferma x’sab u x’kellu jaghmel, izda dan ma jirrizulta minn imkien.

7. Jirrizulta lil dan it-Tribunal, li l-attur kien ghamel xi xogholijiet u li ghal xi zmien il-konvenut kien talbu biex jieqaf ghaliex kellu jsir it-tikhil. Aktar minn hekk, kien dam m’ghamel kuntatt mieghu, l-konvenut u mbaghad meta talbu biex imur kien hemm xi intoppi ghal bidu, sakemm sa’ fl-ahhar kien mar l-attur, izda kien il-konvenut li kien talbu biex jitlaq ghaliex kien inkariga lil xi haddiehor sabiex jikkompleta dawn ix-xogholijiet.

8. Il-provi migjuba mill-konvenut li ghal diversi seduti naqas li jidher u jikkonkludi x-xhieda tieghu, u li prattikalment jikkonsistu biss fix-xhieda tieghu, ma jikkonvincux lil dan it-Tribunal, li kien l-attur li kien ittermina l-ftehim unilateralment u lanqas fuq bazi ta’ probabilita’ ma jissostanzjaw l-eccezzjonijiet minnu mressqa. Il-kaz tieghu ibati fondamentalment minn dan in-nuqqas. Minn-naha l-ohra il-provi tal-attur, fic-cirkostanzi

huma sodisfacjenti u ghalhekk it-Tribunal iqis il-verzjoni tal-attur bhala dik l-aktar kredibbli u attendibbli. Aktar minn hekk ix-xhieda tal-istess attur tissahhah aktar bix-xhieda ta’ Umberto Bruno.

Dwar il-kwantum, it-Tribunal ukoll ihoss li l-attur ipprovah sodisfacjentement.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez u l-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------